

Brussell, 30 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0388 (NLE)

---

---

5383/23  
ADD 1

UK 10  
ENER 20

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Abbozz ta' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦALL-ENERĠIJA STABBILIT BL-ARTIKOLU 8(1)(I) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MIN-NAĦA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA lil kull Parti dwar it-talbiet tagħhom lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku bil-ħsieb li jitħejjew proċeduri tekniċi għall-użu effiċjenti tal-interkonnetturi tal-elettriku

---

ABBOZZ

**RAKKOMANDAZZJONI NRU .../2023**  
**TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦALL-ENERĠIJA**  
**STABBILIT BL-ARTIKOLU 8(1)(I) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U**  
**L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA**  
**U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MIN-NAĦA,**  
**U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,**  
**MIN-NAĦA L-OĦRA**

ta'...

**lil kull Parti dwar it-talbiet tagħhom lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku bil-ħsieb li jitħejjew proċeduri tekniċi għall-użu effiċjenti tal-interkonnnetturi tal-elettriku**

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦALL-ENERĠIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, (il-“Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni”), u b’mod partikolari l-Artikolu 311(1) u (2), l-Artikolu 312(1), l-Artikolu 317(2) u (3) u l-Anness 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(4), il-punt (a), tal-Ftehim dwar il-Kummerè u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija (il-“Kumitat Speċjalizzat”) għandu s-setgħa li jimmonitorja u jirrieżamina l-implimentazzjoni u jiżgura l-funzjonament xieraq tal-Ftehim tal-Kummerè u l-Kooperazzjoni fil-qasam ta’ kompetenza tiegħu. Skont l-Artikolu 8(4), il-punt (c), huwa għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-materji kollha li fihom il-Ftehim dwar il-Kummerè u l-Kooperazzjoni jipprevedi dan jew li għalihom il-Kunsill ta’ Sħubija jkun iddelega s-setgħat tiegħu lil dak il-Kumitat Speċjalizzat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (f). Skont l-Artikolu 329(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerè u l-Kooperazzjoni, għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet kif meħtiegħ sabiex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Kapitoli tat-Titolu VIII tal-Ftehim dwar il-Kummerè u l-Kooperazzjoni li għalihom huwa responsabbli.
- (2) Bl-għan li jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-interkonnnetturi tal-elettriku u jitnaqqsu l-ostakli għall-kummerè bejn il-Partijiet, l-Artikolu 311(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerè u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi impenji, *inter alia*, fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tal-konġestjoni u l-kalkolu tal-kapaċità għall-interkonnnetturi tal-elettriku, kif ukoll l-iżvilupp ta’ arranġamenti sabiex jinkisbu eżiti robusti u effiċjenti għall-perjodi ta’ żmien rilevanti kollha.

- (3) Fit-22 ta' Jannar 2021, id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea u d-Dipartiment għan-Negożju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit it-tnejn li huma ħarġu rakkomandazzjoni preliminari (ir-‘rakkomandazzjoni preliminari’) lill-operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni tal-elettriku (“TSOs”) rispettivi tagħhom, li titlobhom jibdew iħejju proċeduri tekniċi b’mod konġunt għall-użu effiċjenti ta’ interkonnetturi tal-elettriku qabel il-bidu tal-ħidma mill-Kumitat Speċjalizzat. Minħabba li l-Kumitat Speċjalizzat beda jopera matul l-2021, dik ir-rakkomandazzjoni preliminari, kif ipprovdut mill-Partijiet lit-TSOs, jeħtieġ li tiġi kkonfermata mill-Kumitat Speċjalizzat bħala Rakkomandazzjoni lill-Partijiet.
- (4) Fir-rigward tal-kalkolu u l-allokkazzjoni tal-kapaċità għall-perjodu ta’ żmien ta’ ġurnata bil-quddiem, ir-rakkomandazzjoni preliminari talbet lit-TSOs iħejju mudell ta’ mira ta’ ġurnata bil-quddiem ibbażat fuq il-kunċett ta’ “Akkoppjament ta’ volum sfoż bejn diversi reġjuni” f’konformità mal-Artikolu 312(1), l-Artikolu 317(2) u (3) u l-Anness 29 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (5) Fir-rigward tal-kalkolu u tal-allokkazzjoni tal-kapaċità għall-perjodi ta’ żmien għajr il-perjodu ta’ żmien ta’ ġurnata bil-quddiem, ir-rakkomandazzjoni preliminari stiednet lit-TSOs tal-Partijiet sabiex flimkien iħejju proposta għal skeda ta’ żmien għall-iżvilupp tal-abbozz tal-proċeduri tekniċi. Din għadha utli bħala punt ta’ referenza u gwida għal aktar ħidma dwar dawn il-kwistjonijiet filwaqt li l-prijorità tingħata lin-negożjar tal-elettriku fil-perjodu ta’ żmien ta’ ġurnata bil-quddiem.

- (6) Filwaqt li l-iskeda ta' żmien stabbilita fl-Anness 29 kif imsemmi fir-rakkomandazzjoni preliminari ma ġietx issodisfata, xorta waħda l-Kumitat Speċjalizzat jenħtieġ li jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 312(1) u l-Artikolu 317(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (7) It-TSOs u l-awtoritajiet regolatorji tal-Partijiet diġà wettqu ħidma b'referenza għar-rakkomandazzjoni preliminari. Fid-dawl tal-progress li sar sa issa mit-TSOs, hija meħtieġa informazzjoni ulterjuri rigward l-analiżi kost-benefiċċji u l-proposti ġenerali tal-proċeduri tekniċi sabiex il-Kumitat Speċjalizzat ikun jista' jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 312(1) u l-Artikolu 317(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (8) Għalhekk, kull Parti jenħtieġ li titlob lit-TSOs tagħha jipprovdu din l-informazzjoni ulterjuri,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

- (1) Ir-rakkomandazzjoni preliminari maħruġa fit-22 ta' Jannar 2021 mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea u mid-Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit għat-TSOs tal-elettriku tal-Unjoni u tar-Renju Unit, rispettivament, li titlobhom jibdwew iħejju proċeduri tekniċi dwar l-użu effiċjenti tal-interkonnnetturi tal-elettriku, kif stabbilit fl-Anness I ta' din ir-Rakkomandazzjoni, hija b' din ikkonfermata bħala Rakkomandazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija lill-Partijiet.
- (2) Il-Kumitat Speċjalizzat jirrakkomanda li kull Parti titlob lit-TSOs tal-elettriku rispettivi tagħha sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali kif stabbilit fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni fi żmien ħames xhur mid-data tat-talba magħmula minn kull Parti.

Magħmul fi Brussell u f' Londra, [data]

*Għall-Kumitat Speċjalizzat*

*Il-Kopresidenti*

*F. ERMACORA*

*P. KOVACS*

*M. SKRINAR*